MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 977/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Sandro Debono, iben Paul, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Diċembru, 1981, karta ta’ l-identita numru 10382(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fix-xahar ta’ Lulju, 2012 waqt li kien qiegħed fil-fond numru 140, Redeemer, Triq il-Foss, Raħal Ġdid u/jew f’dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta’ deheb tal-valur ta’ madwar €350, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-lok bil-persuna u bil-ħin għad-dannu ta’ Josephine Galea mill-Fgura u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess ċirkostanzi, f’dawn il-Gżejjer xjentement xtara jew laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar Malta jew barra

minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti jikkonsistu fi ċrieket tad-deheb u/jew oġġetti oħra propjeta ta' Josephone Galea mill-Fgura u/jew persuni oħra;
3. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50 , 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li l-imputat irid irodd lura l-valur tal-oġġetti misruqa. Għaldaqstant, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat biex fi żmien tlett xhur mil-lum iħallas is-somma ta' €350 lil Josephone Galea danni li hu għamel fil-konfront tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------